**5 ta' Diċembru, 1958**

**Imħallfin:—**

**L-S.T.O. Prof. Dr. A. J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Carmelo Anastasi

*versus*

Carmelo Cali

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Żgumbrament — "Self-Inflicted Hardship".**

*Mhix aċċettabbli bħala prinċipju tajjeb l-enunċjazzjoni tal-Board tal-Kera fis-sens illi s-sid li jinsab żgumbrat għandu dritt jerġa' jieħu pussess tal-fond tiegħu mikri lil ħadd ieħor biex imur joqgħod fih hu. avvolja ma hemmx ebda post "available" għall-intimat. Biex il-prinċipju jkun korrett, jeħtieġ illi, anki fil-każ ta' sid żgumbrat, il-Board ikun isso-disfa ruħu li l-"hardship" tas-sid ikun akbar minn dak tal-*

*kerrej; u dan wara li jitqiesu ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ kif dispost mill-liġi. Fil-każ ta' dubju dwar liema hu l-akbar "hardship", il-fatt li s-sid irid dar tiegħu biex imur fiha hu, naturalment, ixaqleb il-bilanċja favur tiegħu.*

*Fil-każ preżenti, il-Qorti tal-Appell qatgħet f's-sens illi, fiċ-ċirrikustanzi, il-"hardship" tal-inkwilin kien ikun akbar kieku t-talba tas-sid żgumbrat liġi milqugħa milli kien dak tas-sid jekk it-talba tiegħu tiġi miċħuda, avvolja hu ma kellux fejn imur joqgħod; u dan prevja revoka tas-sentenza tal-Board tal-Kera li kien iddeċieda l-kawża favur is-sid.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Board li Jirregola l-Kera biex jerġa jieħu taħt idejh il-post "Adam House", nru. 28 Garden Street, Gżira, mikri lill-intimat, billi jridu għalieh, peress illi jinsab żgumbrat minn fejn joqgħod b'sentenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta tal-21 ta' Frar 1958;

Rat is-sentenza ta' dak il-Board tal-31 ta' Lulju 1958, li biha laqa' t-talba, u ta lill-intimat, għall-iżgumbrament, iż-żmien ta' xahrejn, spejjeż mingħajr taxxa; wara li kkunsidra;

Ir-rikorrent qiegħed jitlob li jerġa jieħu taħt idejh il-post imsemmi fir-rikors, biex imur joqgħod fih bil-familja, li tikkonsisti fil-mara u disgħat itfal, peress illi huwa jinsab żgumbrat mill-kumditajiet li fihom kien joqgħod fl-istess dar ma' ommu, skond sentenza tal-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-21 ta' Frar 1958, li kopja tagħha ġiet eżibita mir-rikorrent. Huwa ma għandux ebda post ieħor fejn imur joqgħod. Ma rriżulta minn ebda prova illi s-sentenza ta' żgumbrament ġiet ottenuta mir-rikorrent b'xi kollużjoni ma' ommu Carmela Anastasi; anzi mix-xhieda tal-Prokuratur Legali John Privitera jirriżulta l-kuntrarju;

Lanqas ma wieħed jista' jgħid, bħal ma jrid isostni l-intimat, illi l-"hardship" tar-rikorrent huwa "self-inflicted", peress illi fis-27 ta' Diċembru 1957 huwa, ossija martu bl-assistenza tiegħu, biegħet il-post nru. 48 Sammat Street, Pawla, fejn kienu joqgħodu, għaliex is-sentenza ta' żgumbrament kienet, kif ġa ntqal, fil-21 ta' Frar 1958.

Barra minn dan, jirriżulta mill-provi li Carmela Anastasi, omm ir-rikorrent, kienet inkarikat drabi oħra qabel lill-konsulent legali tagħha P.L. John Privitera biex jagħmel kawża ta' żgumbrament lir-rikorrenti, u, wara talba ta' dan, reġgħu rranġaw;

Għalhekk, ladarba r-rikorrent jinsab żgumbrat, għandu dritt jerġa jieħu pussess tal-fond tiegħu biex imur joqgħod fih, avvolja ma hemm ebda post "available" għall-intimat;

Rat ir-rikors tal-imsemmi Carmelo Calì, li bih appella minn dik is-sentenza u talab li tiġi revokata, billi t-talba ta' Carmelo Anastasi tiġi miċħuda; bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Għar-raġunijiet esteżament miġjuba fis-sentenza mogħtija l-lum minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Vincenza armla Borg versus Carmelo Vella", din il-Qorti ma tistax taċċetta bħala tajjeb il-prinċipju kif enunċjat fis-sentenza appellata, illi sid li jinsab żgumbrat għandu dritt jerġa jieħu pussess tal-fond tiegħu biex imur joqgħod fih, avvolja ma hemm ebda post "available" għall-intimat. Biex il-prinċipju jkun korrett, jeħtieġ illi, anki fil-każ ta' sid żgumbrat, hemm bżonn li l-Board "ikun issodisfa ruħu li l-"hardship" tiegħu ikun akbar minn dak tal-kerrej", u dan wara li jitqiesu ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ kif dispost fill-liġi. Fil-każ ta' dubju dwar liema hu l-akbar "hardship". il-fatt li s-sid irid dar tiegħu biex imur joqgħod fiha għandu, naturalment, ixaqleb il-bilanċja favur tiegħu;

Għalhekk din il-Qorti għandha d-dritt li tirrijeżamina l-fatti;

Ir-rikorrent Carmelo Anastasi mal-familja tiegħu kien jabita ġo dar ta' martu, nru. 48 Sammat Street, Pawla. Ma hemm xejn mil-provi li juri li dan il-fond ma kienx adattat għalieh, ħlief forsi li hu kien jippreferixxi li jmur joqgħod lejn tas-Sliema. Xi sentejn ilu mil-lum, hu mar

bil-familja joqgħod ma' ommu fid-dar nru. 11 Depiro Street, Sliema, u għal xi għaxar xhur ħalla d-dar ta' Każal Pawla vojta, okkupata biss b'parti mil-mobbli tiegħu u xi mobbli qodma ta' ommu;

Omm ir-rikorrent xehdet illi, minn malli hu mar joqgħod magħha, beda l-inkwiet u bdew isawtuha. Żiedet tgħid illi wara xi xahrejn ma aċċettatx sehem tal-kera minn għandu, għax riedietħom jitilqu l-barra, billi kien beda l-ġlied bejniethom. Anzi, qalet omm ir-rikorrent, il-ġlied beda mill-għada li mar joqgħod magħha, u minn dak iż-żmien bdiet tgħidlu jitlaq il-barra (fol. 10-11);

Dan l-inkwiet tar-rikorrent ma' ommu hu konfermat mix-xhieda tal-Prokuratur Legali Privitera, li qal illi, qabel l-aħħar kawża, li omm ir-rikorrent għamlitlu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, li spiċċat bis-sentenza eżibita fol. 4, hi kienet ġa darbtejn oħra istitwiet proċeduri ġudizzjarji biex toħorġu mid-dar tagħha, li eventwalment ġew tranżatti;

B'dan kollu, għad illi r-rikorrent kien jaf illi t-titolu tiegħu biex joqgħod fid-dar ta' ommu kien prekarju, u li minħabba d-diportament ħażin ta' membri tal-familja tiegħu stess ommu ma riedietux iżjed ġo d-dar tagħha, u millbidu riedietu jitlaq, u dan waqt illi kien għad għandu għad-dispożizzjoni libera tiegħu għal xhur sħaħ id-dar proprja tiegħu, hu biegħ din id-dar f'Diċembru 1957;

Appena ġimgħatejn wara li r-rikorrent biegħ id-dar tiegħu, ommu għamlitlu l-kawża ta' żgumbrament fuq imsemmija, li għaliha hu tista' tgħid ma oppona ebda difiża. Infatti, għad illi l-avukat tiegħu eċċepixxa illi l-inkwiet kien provokat mill-attriċi stess, fl-istess seduta xehed ir-rikorrent, u ma qalx, in sostanza, ħlief li martu kienet tinsulta lill-ommu, u li uliedu kienu jinkwetawha, u għalhekk kien jirrealizza li ma setgħux ikomplu flimkien; u l-kawża ġiet deċiża dak inhar stess, ċjoè fil-21 ta' Frar 1958;

Intant, fis-7 ta' Frar 1958, ir-rikorrent kien ġa għamel

il-konvenju biex jixtri l-fond Garden Street, Gżira, li dwaru hawn il-kawża preżenti;

F'dawn iċ-ċirkustanzi, din il-Qorti ma tħossx li tista' ma taqbelx mal-appellant illi, jekk l-appellat il-lum jinsab bla dar jew qiegħed f'dar skommoda (fol. 17 tergo), dan hu ħtija tiegħu; u dan mhux biss għaliex hu ġie maħruġ mid-dar t'ommu minħabba diportament ħażin ta' niesu stess, li għalihom kien jirrispondi hu, iżda l-aktar għaliex, fi żmien meta kellu kull raġuni biex jipprevedi illi l-kommoranza fid-dar t'ommu kienet instabili u prekarja, hu liberament iddispona minn dik id-dar li kienet f'idejh, u, safejn jidher, perfettament adatta għalieh;

Għall-kuntrarju, l-appellant qiegħed jokkupa l-fond in kwistjoni, li kien ġie assenjat lilu, wara rekwiżizzjoni, mill-Housing Department, peress illi l-post li kien joqgħod fih qabel ġie demolit għall-ftugħ ta' trieq publika. Ebda post ieħor ma hemm li hu "available" għalieh. Il-familja tiegħu tikkonsisti f'ħamsa minn nies, ċjoè hu u martu u tliet itfal żgħar;

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti jidhrilha li l-"hardship" tal-appellant, jekk it-talba tal-appellat tiġi milqugħa, ikun akbar minn dak tal-appellat jekk it-talba tiegħu tiġi miċħuda;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tiċħad it-talba tal-imsemmi Carmelo Anastasi. Bl-ispejjeż kontra tiegħu.